# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-Tnejn 16 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 361/2019**

**MICHAEL FARRUGIA ET**
**(ID 321964M)**

***VERSUS***

**DARCLA FINISHINGS LIMITED ET**
**(C-85135)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fl-14 ta' Novembru 2019 l-atturi talbu lill-konvenuti l-hlas ta' l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (Eur 1500) li kien jirraprezenta depozitu ghal xoghol li kellu jsir fil-fond 239, Triq ta' Taht l-Irdum, Mellieha liema xoghol il-konvenuti sussegwentament irrifjutaw li jwettqu minkejja li kien thallas id-depozitu.

Illi ghaldaqstant l-atturi qed jitolbu lill-konvenuti jirrifondu lura s-somma ta' elf u hames mitt Ewro oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effetiv, bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficcjali 166A ta' l-1 t' Ottubru 2019.

Ra illi s-socjeta konvenuta u l-konvenut Clayton Falzon gew debitament notifikati fis-26 ta' Novembru 2019, (a fol. 6)

Illi l-konvenuti ipprezentaw risposta fis-7 ta' Frar 2020 fejn ecceppew illi t-talba ta' l-atturi hija priva minn kull fundament guridiku fattwali u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez.  Il-konvenuti ecceppew ukoll illi l-atturi naqsu, wara li sar il-ftehim, li jhallsu 30% tal-prezz bhala depozitu.

Sema x-xhieda ta' l-atturi Michael u Carmen Farrugia fit-12 ta' Novembru 2020 f'liema udjenza l-atturi iddikjaraw provi maghluqa.
Sema x-xhieda ta' Clayton Falzon u Dario Falzon fl-4 ta' Frar 2021 fejn fl-istess udjenza l-konvneuti ddikkjaraw provi maghluqa.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni finali li saret fl-14 ta' Marzu 2022 liema trattazzjoni giet rekordjata u debitament transkritta.

Ra l-atti processwali.

**<u>Provi</u>**

L-attur Michael Farrugia jghid illi kienu xtraw dar u xtaq lil xi hadd jaghmillu l-finishings. Sabiex jaghmel dan ix-xoghol kien sab lil Clayton Falzon li tah stima (Fol.18) ghal xoghol fuq gewwa, fuq barra u tal-basement. Ix-xhud jghid, *" . . . u tajt deposit fuq ta' gewwa, fuq l-affarijiet ta' gewwa. Tant hu hekk iffirmali fejn tajt id-deposit, u ghidtlu ejja nibdew minn hawn ha naraw kif ser nimxu flimkien u mbaghad jitkompla x-xoghol.*" Dan id-depozitu kien jammonta ghal elf u hames mitt Ewro.

Fl-istima ipprezentata ix-xhud indika li l-konvenut kien effettivament kiteb il-kliem "*Inside only deposit*". (Fol.19)

L-attur ikompli jghid illi l-konvenut kien hadu jara dar li kienu sarulha x-xogholijiet bil-lejl, "*U ghogobni jien dak il-hin. Imbaghad mort naraha fid-dawl, fil-gurnata tax-xemx u rajtha ma ghogobniex ix-xoghol. U lil Clayton ghidtlu – Clayton ghedtlu gewwa mexxi ghidtlu pero barra mhux joghgobni*." Meta l-attur kien informa lill-konvenut illi ma xtaqx li jaghmlu xoghol fuq barra izda fuq gewwa biss, il-konvenut kien cempel lill-attur u infurmah illi ma kien ser jaghmel l-ebda xoghol. "*Qalli ha intik d-deposit lura qalli tini dawxjen cans, qalli ghax il-flus taf kif ikunu inti. U ghidtlu jiena m'ghandiex ghagla hux*".

L-attur jghid illi huwa xtaq li l-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet fuq gewwa, izda l-konvenuti ma riedux jaghmlu xoghol fuq gewwa galdarba ma kienux ser jaghmlu x-xogholijiet kollha.

Minkejja li kienu miftehmin li l-konvenuti jirrifondu lura d-depositu, l-atturi baqghu qatt ma thallsu lura. Il-konvenuti kienu jghidu li kienu qed jistennew li jkollom cash izda mbaghad kull komunikazzjoni waqfet.

Xehdet l-attrici Carmen Farrugia fejn ikkonfermat dak kollu li qal ir-ragel taghha Michael Farrugia ghaliex kienet tkun mieghu waqt id-diskussjonijiet.

Il-konvenut Clayton Falzon xehed fl-4 ta' Frar 2021 fejn qal illi kien jaf lin-neputi ta' l-atturi li ressqu sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet. L-istess neputi ta' l-atturi kien surveyor u kien hu stess illi pprepara l-istima ghax-xogholijiet li kellom isiru fil-propjeta ta' l-atturi. Ix-xhud jghid illi, " . . . *ftehmna li ha niltaqghu darba . . . . li ha niltaqghu darba f'dik il-gimgha biex jaghtini one thousand*

*five hundred biex inzommlu z-zmien allokat ghalih; u ftehmna li kif nibdew itini l-kumplament tad-deposit; ghax id-deposit kien tletin fil-mija (30%). Wara li tani dawk l-elf u hames mija, xi gimghatejn wara cempilli, qalli hares, qalli milli ghedna insa kollox. Qalli jekk trid taghmel gewwa, qalli jekk trid taghmel xejn."*

Il-konvenut ipprezenta wkoll dokument (Fol.38-41) formanti f'chats bejn in-neputi ta' l-atturi u l-konvenut li fiha turi negozjati fuq prezzijiet li kienu qed isiru anke fid-dawl li kien hemm kumpannija ohra li kienet interessata taghmel l-istess xogholijiet.
Clayton Falzon jghid li meta l-atturi cemplulu ghad-deposit huwa wiegeb, "*Ghedtlu dak ma kienx deposit. Ghidtlu kien one thousand five hundred biex inzommlok il-post*. . . . . *Ghedtlu jien f'dawn ix-xaharejn, in-nies, il-hin, x ha naghmel bih? Telf kbira. Telf ta' xahrejn ghamilt hu. Xahrejn pagi u xahrejn vojt ux*."

Konfrontat bid-dokument ipprezentat mill-atturi a Fol. 19 l-konvenut jghid illi huwa kiteb *deposit paid one thousand five hundred*, izda l-kliem Inside Only ma kitibiex hu. Ix-xhud jaghraf il-firma tieghu hdejn din il-kitba. Izda x-xhud jghid illi l-kitba tal-kliem "Inside Only" ma jagharafiex li hija tieghu.

Xehed Dario Falzon li kkonferma x-xhieda ta' Clayton Falzon. Ix-xhud qal illi "*il-firma tieghu nikkonferma li hu l-firma tieghu, imma l-kalegrafija ta' fuq ma nikkonfermax li hi kitba tieghu."* Ghar-rigward ta' kif sar il-ftehim fuq ix-xoghol, ix-xhud jghid li ftit jaf ghaliex kien huh u cioe Clayton Falzon direttament li innegozja x-xoghol ma' l-atturi.

Fil-kontro ezami ta' l-attur Michael Farrugia fid-9 ta' Frar 2022, l-attur isostni li l-kitba a Fol.19 mhux tieghu. Jghid ukoll illi "*Tajtu deposit, li ahna rbatna lil xulxin mhux meta kien ha jibda, ghax imbaghad ridt naghti t-30% hux. Qalli tini hmistax fil-mija, qalli hmistax fil-mija ghal issa bizzejjed."*

**Ikkunsidra**

Illi l-kwisjoni si tratta fuq depozitu li inghata ghal xogholijiet li kellhom isiru mill-konvenuti fil-fond ta' l-atturi, liema xogholijiet ma sarux u ghaldaqstant l-atturi qed jippretendu rifuzjoni tad-depozitu fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (Eur 1500).

Illi ma hemm l-ebda dubju, illi l-atturi qabbdu lill-konvenuti u dawn ta' l-ahhar ipprezentaw stima ghax-xogholijiet liema stima hija maqsuma f zewg partijiet bi tlettax il punt. Fl-ewwel taqsima hemm *Plastering Works – External* li b'kollox jammonta ghal Eur 26,487.23 u t-tieni taqsima hija mmarkata *Internally* u tammonta ghal Eur 5,097.81. Minkejja illi l-konvenut jghid illi dan ma kienx depozitu imma biss biex izomm il-post ghax-xogholijiet, fl-istess waqt jghid illi l-kelma Deposit (a fol.19) kitibha huwa stess.

Illi l-partijiet jablu li inghata l-ammont ta' Eur 1500. Issa dan l-ammont meta l-konvenuti ircevewh kienu iffirmaw ghalih. Fil-fatt specifikament fil-parti immarkata Internally fl-istima wiehed isib il-kliem "*Inside Only, deposit paid Eur 1500*". Dan ghaliex fi kliem l-atturi, huma kienu ftehmu mal-konvenuti sabiex isir ix-xoghol fuq gewwa imbaghad wara jkomplu bix-xogholijiet l-ohra. Il-kontestazzjoni hija jekk l-kliem imnizzel fl-istima partikolarment il-kliem Inside Only zdiedux minn terzi.

Il-partijiet jaqblu wkoll illi l-atturi talbu lill-konvenuti sabiex jaghmlu x-xogholijiet fuq gewwa biss. Izda l-konvenuti irriffjutaw li jaghmlu dan u kemm-il darba ma kienux ser jaghmlu x-xoghol kollu huma ma riedux jaghmlu x-xoghol ta' gewwa.

Illi t-Tribunal jaqbel perfettament ma' dak li qal l-abbli difensur ta' l-atturi fit-trattazzjoni u cioe illi l-fatt illi l-firma tad-depositu ta' l-ammont ta' Eur 1500 saret fil-kaxxa ta' l-istima immarkata Internally hija indikattiva hafna illi dak l-ammont inghata bhala depozitu ghax-xogholijiet fuq gewwa. Dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni, u lanqas ingibet xi raguni ghalfejn il-firma tad-depozitu ta' Eur 1500 ma saretx hdejn l-ammont totali ta' l-istima kemm-il darba dan l-ammont kellu jirrifletti d-depozitu fuq x-xogholijiet kollha.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi anke jekk wiehed jinjora totalment il-kwistjoni li qamet fuq min kiteb il-kliem "Inside Only", il-fattespecie tal-kaz juru car illi d-depozitu thallas biss ghax-xogholijiet ta' gewwa. Fil-fatt anke l-ammont ta' Eur 1500 huwa 29% tat-total ta' l-istima ghax-xogholijiet ta' gewwa.

Illi anke mic-chats ipprezentati mill-konvenuti, it-Tribunal jinnota illi n-neputi ta' l-atturi li kien surveyor mal-konvenuti, kien issollecita lill-istess konvenuti sabiex jirrifondu l-ammont ta' Eur 1500 lura. Issa dan ikompli jsahhah it-tezi li meta l-konvenuti gew mitluba jaghtu lura d-depozitu ta' Eur 1500 huma riedu ftit taz-zmien u mhux li qatt ma jhallsuh lura.

Ghar-rigward tat-telf ta' zmien u rizorsi, li l-konvenuti jargumentaw illi ghandu jinghata importanza stante illi huma kienu iddedikaw xaharejn ghax-xogholijiet ta' l-atturi, ma ingibet l-ebda prova quddiem dan it-Tribunal. Ghaldaqstant kemm-il darba l-konvenuti qed jippretendu illi l-ammont ta' Eur 1500 depozitu ghandu jpaci danni jew ammonti ohra ta' telf ta' qliegh u/jew rizorsi, baqghet ma ngiebet l-ebda prova biex tissostanzja kwalunkwe telf. It-Tribunal jirrileva wkoll illi lanqas inghatat raguni min-naha tal-konvenuti ghar-rifjut taghhom li jaghmlu x-xoghol ta' gewwa anke meta kellom f'idejom id-depozitu ghal dawn ix-xogholijiet.

Illi ghaldaqstant fil-kaz odjern, it-Tribunal ma jistax jara raguni valida ghaliex il-konvenuti ghandom izommu d-depozitu moghti lilom ghax-xogholijiet fuq gewwa li huma stess irriffjutaw li jesegwixxu. Anke fid-dawl ta' dak li inghad iktar qabel il-konvenuti illum ma jistghux jirreklamaw aktar żżamma tad-depożitu mħallas mingħajr ġustifikazzjoni.

Illi t-Tribunal ghandu l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá u dan hekk kif provdut fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa minnu wkoll illi id-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex wiehed jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi. Min-naħa l-oħra mbagħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju. Tassew, dan il-fatt, għalkemm huwa aktar aċċenwat fi proċeduri quddiem dan it-Tribunal, huwa wkoll ċentrali fis-sistema ġudizzjarja tagħna. Illi għalhekk, anki b'sens ta' ġustizzja, fid-dawl ta' dak li ġie mistħarreġ qabel, jingħad li l-ammont imħallas bħala akkont tal-prezz tax-xogholijiet ta' gewwa, għandu jiġi rifuż.

F’dan is-sens it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-simijet “*Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd*”, (Ċit Nru: 1560/1995/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta’ Ottubru 2004 fejn reġa ġie mfakkar:

“Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta’ dak espress mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, illi “*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare ‘ex aequo et bono’ secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l’ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*”

F’dan is-sens wieħed huwa mistieden jara s-sentenza fl-ismijiet “Ellul Classic Design Woodworks Limited vs Roni Demanuele”, (App Ċiv Nru: 310/2019) mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta’ Mejju 2022 fejn fuq it-tema tal-ġustizzja ġie mfakkar hekk:

“Il-Qorti tirrileva li bħala qorti ta’ reviżjoni hija m’għandhiex il-mansjoni li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi, għajr f’dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, f’dan il-każ it-Tribunal, ma jkunux raġonevoli, jew fejn tkun sejra ssir inġustizzja manifesta ma’ xi parti jew oħra”.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500.00), bl-imgħax legali mill-14 ta’ Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

**Dr. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur